MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 1835/2003/1

**Paul Grech u Jacqueline Grech**

**vs**

**Joe Mary Mizzi, f' ismu u a nom tad-ditta Power Point Lighting & Electrical**

**Il-Qorti,**

Eliminat it-terren fir-rigward ta' l-ewwel eccezzjoni bil-gudikat tat-18 ta' Mejju 2005, il-Qorti ser tghaddi 'l quddiem biex tikkonsidra l-mertu tal-vertenza;

Bl-azzjoni taghhom l-atturi qeghdin jippretendu li l-konvenut jirrifondilhom is-somma ta' mija u hamsa u erbghin lira (Lm145), korrispondenti ghad-differenza bejn

l-ammont ta' mija u sebghin lira (Lm170), minnhom imhallas akkont fil-mument ta' l-ippjazzar ta' l-ordni ta' disa' (9) linef fit-23 ta' Settemrbu 1998 (ara dok. a fol. 31) u s-somma ta' hamsa u ghoxrin lira (Lm25), prezz ta' linfa wahda li huma rtiraw mal-wasla ta' l-ordni minn barra;

In opposizzjoni ghat-talba attrici l-konvenut gab b' eccezzjoni illi kienu l-atturi li naqsu li jaccettaw u jirtiraw il-konsenja, hlief ghal linfa wahda. Kif jidher minn nota difensjonali tieghu, taht dan il-profil il-konvenut jaddebita lill-atturi b' inadempjenza kontrattwali;

L-esposizzjoni tal-fatti hi dik li tohrog mid-deposizzjonijiet ta' l-attur u tal-konvenut. Il-kwadru li jemergi minnhom hu wiehed ta' versjonijiet divergenti, jekk mhux ukoll, kontrastanti;

Fil-versjoni ta' l-attur, mal-wasla tal-linef hu u martu talbu lill-konvenut biex jibdlilhom tnejn minnhom u meta dan irrifjuta, ssuggerewlu li jbieghhom ghan-nom taghhom u bir-rikavat jixtru xi haga ohra minghandu. L-attur jghid li l-konvenut accetta din il-proposta, hallew tliet snin jghaddu u meta kkuntattjaw lill-konvenut dan informahom li kien iddispona mil-linef kollha u zied jghidilhom li tilfu kull dritt ghar-rikjam lura tal-pagament akkont. Kontro-ezaminat, l-attur jistqarr li halla tliet snin jghaddu ghax id-dar ghal-liema kienu ntizi l-linef kienet ghadha lura u ghalhekk ma kellux bzonnhom. Jghid ukoll li ma kienx ha s-sitt linef l-ohra li dwarhom ma kellhom ebda lanjanza ghax kien ftiehem mal-konvenut li dawn jehodhom meta jinbieghu t-tnejn li kien talab ir-rimpjazzament taghhom. Huwa cahad li l-konvenut kien talbu hlas ghall-immagazzinar tal-linef;

Minn naha tieghu l-konvenut jiddikjara illi l-atturi qalulu li xtaqu jikkancellaw l-ordni ghax riedu jibdlu l-istil tad-dar izda meta gharrafhom illi l-kancellament kien igib it-telf tad-depozitu huma hadu linfa minnhom u hallewlu l-kumplament. Bil-kontra ta' dak depost mill-attur, il-konvenut jghid li meta gie ikkuntattjat wara tliet snin hu

nformahom li l-linef kienu ghadhom ghandu u setghu jirtirawhom, b' dan li kellhom ihallsu wkoll il-prezz ta' immagazzinar ghal perijodu ta' tliet snin. Fil-mument li xehed (seduta, 29 ta' Marzu 2004) huwa ddikjara li l-linef kienu ghadhom fil-pussess tieghu;

Kif gja ravvizat *supra*, il-konvenut jissolleva l-inadempjenza fl-atturi. Mill-kontenut tat-talba promossa mill-atturi u minn dak li xehdu hu sottintiz li anke dawn minn naha taghhom qeghdin jattribwixxu inadempjenza fil-konvenut;

Ma hemmx bzonn li jinghad li, f' materja ta' kuntratti bi prestazzjonijiet korrispettivi, kull wiehed mill-kontraenti hu tenut jadempixxi ghall-obbligazzjonijiet minnu assunti. Dan anke ghaliex sostrat baziku tal-kuntratt hi l-bwona fede, intiza din bhala regola ta' mgieba li trid tigi osservata mill-partijiet mhux biss fil-fazi *in contrahendo* imma wkoll fl-ambitu ta' dik il-fazi konsistenti fil-konkluzjoni u ezekuzzjoni tal-ftehim. Ghall-effikacja tal-kuntratt huma ghalhekk imprexxindibilment mehtieg li jkun hemm il-kompiment ta' dawk l-atti kollha necessarji li l-partijiet jassumu b' dover li jesegwixxu, b' lealta u korrettezza tali li ssostni u tati fidi lir-regola tal-bwona fede;

Fil-kaz ta' verifika ta' non-ottemperanza ma' l-obbligi assunti huma provvduti mil-ligi taghna s-soluzzjonijiet li kreditur ta' l-obbligazzjoni jista' jaghzel li jadopera. Hekk per ezempju l-Artikolu 1069 Kodici Civili jaghti lill-kontraenti wiehed kontra l-iehor inadempjenti x-xelta li jitlob jew ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt jew l-ezekuzzjoni tieghu. Hemm imbaghad ukoll l-Artikolu 1125 Kodici Civili li jippreskrivi l-kundanna ghad-danni f' min jonqos li jesegwixxi l-obbligazzjoni kontrattwali tieghu. Dan il-principju generali ta' dritt hu, fil-kaz ta' vendita, kif hekk si tratta hawnhekk, ribadit di fronte ghall-bejjiegh fl-Artikolu 1386 Kodici Civili f' kaz li x-xerrej ikun bata hsara bin-nuqqas ta' kunsinna tal-haga fiz-zmien miftiehem. Fil-kaz prezenti l-atturi ma optawx ghal din il-ghazla izda, invece,

optaw ghall-provvediment dettat fl-Artikolu 1404 Kodici Civili fejn insibu provvdut illi x-xerrej ghandu fil-kazijiet kollha koncernanti l-kunsinna tal-haga jedd li jerga' lura mill-kuntratt u allura l-bejjiegh ghandu jroddlu il-prezz li jkun irceva, oltre l-ispejjez tal-kuntratt u kull spiza legittima ohra fejn dawn jokkorru.  L-atturi qeghdin in vista tar-recess mill-ftehim jitolbu r-rimbors lura tal-prezz akkont li lahqu hallsu.  Talba din li qed tigi rezistita mill-konvenut li, invece, qed jikkontendi li kienu l-atturi xerrejja li naqsu li jiehdu konsenja tal-linef u ghalhekk ghandhom ibatu l-konsegwenzi ta' dan in-nuqqas ta' prestazzjoni taghhom bit-telf tad-depozitu;

Ferma din il-parentesi ta' indoli legali, irid jinghad li kwestjonijiet ta' din ix-xorta ghandhom it-tendenza li jippreokkupaw lill-Qorti mhux ftit ghax fl-ahhar mill-ahhar il-kaz jirreduci ruhu ghall-kwestjoni ta' kredibilita`.  Il-Qorti trid tiddeciedi jekk kienx hemm, jew le, il-ftehim intervenut bejn il-partijiet fuq dak propost mill-atturi, jigifieri li l-konvenut izomm ghandu il-linef sakemm jirnexxielu jiddisponi minn tnejn minnhom li dwarhom kellhom ripensament.  Jew, invece, ghandhiex temmen lill-konvenut fl-allegazzjoni centrali tieghu illi l-atturi riedu jikkancellaw l-ordni.  Trid fuq kollox tiddeciedi jekk hijiex aktar fededenja l-versjoni ta' l-atturi li l-konvenut kien gharrafhom li kien iddispona mil-linef jew ghandhiex taccetta bhala aktar verosimili l-versjoni tal-konvenut li hu kien qallhom li l-linef kienu ghadhom ghandu u l-atturi setghu jehduhom purke ihallsuh ukoll l-korrispettiv ghall-immagazzinar taghhom ghal perijodu ta' tliet snin;

Din il-Qorti tistqarr li ssibha difficli li taccetta bhala plawsibbli l-versjoni ta' l-atturi.  In vista tat-tul ta' zmien - tliet snin - u tal-fatt li certament, ghallanqas dwar sitt linef ohra, l-atturi ma kellhom ebda rizervi u setghu jiehdu l-konsenja taghhom, kif hekk ghamlu fil-kaz ta' linfa ohra, din il-Qorti ma thossx li tista' toqghod b' affidament fuq allegazzjoni tas-suppost ftehim li l-konvenut izomm il-linef, komprizi dawk li dwarhom ma kienx hemm ebda kuntrast

jew rizervi, sakemm il-konvenut jiddisponi miz-zewg linef li l-atturi ma xtaqux li jiehdu;

Minn naha l-ohra, il-Qorti ma tistax tinjora certi elementi incidenti bhal ma huma dawk li l-linef baqghu fil-pussess tal-konvenut u dan ma ghaddiex ghad-depozitu taghhom, kif hekk seta' jaghmel kieku tabilhaqq ried isostni l-kontrattazzjoni in forma specifika. Lanqas ma jidher li b' xi talba formali, anke in via rikonvenzjonali, avvanza l-pretensjoni tieghu ghall-hlas kompensattiv ghall-immagazzinar;

F' kazijiet ta' din ix-xorta l-Qorti ma tistax titlef di vista illi l-gudizzju taghha jrid isir konformement mad-dispost ta' l-Artikolu 7 (1) ta' l-Att V ta' l-1995, jigifieri skond l-ekwita`. Il-valutazzjoni ekwitativa tesigi li l-gudikant jiehu in konsiderazzjoni, mill-elementi probatorji forniti, l-imgieba jew il-qaghda taz-zewg kontendenti. Minn naha l-wahda n-nuqqas ta' sforz da parti ta' l-atturi ghas-sodisfaciment ta' l-obbligu tad-diligenza tal-missier tajjeb tal-familja li jsemmi l-Artikolu 1132 Kodici Civili; minn naha l-ohra, il-fatt li l-linef ghadhom fil-poter u proprjeta` tal-konvenut li ghad jista' jiddisponi minnhom. Fic-cirkostanzi kollha tal-kaz il-Qorti ssib li jkun gust u xieraq li l-konvenut irodd lura lill-attur nofs is-somma reklamata ossija tnejn u sebghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm72.50).

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' t-talba ta' l-atturi limitatament fis-somma ta' tnejn u sebghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm72.50), bl-ispejjez kollha tal-proceduri jibqghu sopportabbli nofs bin-nofs bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------